MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2015

Numru. 597/2015

**Il-Pulizija**

**[Spettur Jonathan Ransley]**

**[Spettur Jason Francis Sultana]**

**vs**

**Ana Jancu**

**- omissis-**

**- omissis-**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Ana Iancu detentrici tal-karta tal-identita` Rumena bin-numru RX 276627.

Akkuzata talli bejn l-4 ta’ Lulju u l-24 ta’ Lulju 2015 f’dawn il-gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnhom anka jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rezoluzzjoni wahda:

-omissis-

Lill-Ana Jancu u –omissis– akkuzata talli:

10. Bejn l-4 ta’ Lulju u l-24 ta’ Lulju 2015 laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akwistata b’reat, u/jew xjentement b’kull mod indahlu sabiex ibieghuhom jew imexxuhom u dan bi ksur ta’ Artikolu 334(a) ta’ Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tapplika mutatis mutandis id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitlu 373

tal-Ligijiet ta’ Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u sabiex f’kaz ta’ htija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 23B tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ukoll it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-piena stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Rat ukoll it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputata ammettiet l-akkuzi kollha kif dedotti kontriha u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghatat iz-zmien opportun sabiex tkun tista’ tirregola ruhha;

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-imputata **Ana Iancu** hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha u

tikkundannaha ghal tlettax-il (13) xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A gew sospizi ghal sentejn (2).

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------